Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,282, 18 ta' Ottubru, 2019
Taqsima B

A.L. 271 tal-2019

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI
(KAP. 117)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, bi ftehim mal-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 117.32

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolament prinċipal għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (f) u (g) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(f) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2017/433/UE tas-7 ta' Marzu 2017 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża;

(g) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2017/2054 tas-7 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża; u"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (g) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(h) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2019/514 tal-14 ta' Marzu 2019 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża.".

B 2146

Jissostitwixxi l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

3. L-Iskeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"SKEDA

LISTA TA' PRODOTTI RELATATI MAD-DIFIŻA

"L-Anness tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/514 huwa applikabbli fl-intier tiegħu bħala l-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti.".